MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2019

Rikors Maħluf Numru 923/2017 LM

**Istituto per le Opere di Religione, organizzazzjoni illi ma tagħmilx qligħ taħt il-Liġi Kanonika illi tinsab ġewwa l-Istat tal-Vatikan, rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Dottor André Zerafa (K.I. 578574M), u b'nota tal-5 ta' Diċembru, 2017 assuma l-atti l-Avukat Louis Cassar Pullicino bħala mandatarju speċjali tal-attur minflok l-Avukat Dottor André Zerafa**

***vs.***

**(i) Futura Funds SICAV plc, kumpannija reġistrata taħt il-liġi Maltija bin-numru ta' reġistrazzjoni SV190;**

**(ii) Futura Investment Management Limited, kumpannija reġistrata taħt il-Liġi Maltija bin-numru ta' reġistrazzjoni C53181;**

**(iii) Optimum Evolution Fund SIF, kumpannija reġistrata taħt il-liġi tal-Lussemburgu bin-numru ta' reġistrazzjoni B142852;**

**(iv) Optimum Asset Management S.A., kumpannija reġistrata taħt il-liġi tal-Lussemburgu bin-numru ta' reġistrazzjoni B158100;**

**(v) Alberto Matta detentur tal-Passaport Taljan bin-numru B746108 u;**

**(vi) Girolomo Stabile**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Ottubru, 2017 mill-attur **Istituto per le Opere di Religione,** organizzazzjoni illi ma tagħmilx qligħ taħt il-Liġi Kanonika illi tinsab ġewwa l-Istat tal-Vatikan, rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-avukat Dr André Zerafa (ID 578574M) (minn issa 'l quddiem "l-attur IOR"), u maħluf minn Dr André Zerafa stess, kif debitament awtorizzat, li jgħid kif ġej:

1. *Illi Istituto per le Opere di Religione (IOR) hija organizzazzjoni illi ma tagħmilx qligħ b'personalità ġuridika indipendenti taħt il-Liġi Kanonika u illi tinsab reġistrata fl-Istat tal-Vatikan, mingħajr ebda uffiċċji jew fergħat oħra barra l-Istat tal-Vatikan;*

2. *Illi l-għan prinċipali ta' IOR huwa illi tipprovdi għall-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli u mobbli trasferiti jew fdati mal-Istitut minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi bi skop ta' ħidma reliġjuża jew għall-karità;*

3. *Illi f'April 2012, wara illi saru s-suġġerimenti lilha mill-konsulenti tal-investiment (minn ECP International S.A. u r-rappreżentanti tagħha, Michele Calcaterra u Ignazio Basile), IOR iddeċidiet illi tinvesti f'Ad Maiora ("Ad Maiora") illi hija sub-fund, dedikat lil IOR, ta' kumpannija ta' investiment fil-Lussemburgu b'kapital azzjonarju varjabbli, Optimum Evolution Fund SIF ("Optimum SIF") illi qed tiġi ċitata bħala t-tielet intimata f'dawn il-proċeduri;*

4. *Illi Ad Maiora twaqqfet esklussivament għall-investimenti ta' IOR;*

5. *Illi abbażi tal-private placement memorandum ta' Optimum SIF, kumpannija oħra fil-Lussemburgu, Optimum Asset Management S.A. ("Optimum Management") ipprovdiet servizzi ta' amministrazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ fir-rigward ta' Ad Maiora, lil Optimum SIF;*

6. *Illi għalkemm id-deċiżjonijiet rigward l-investiment u l-amministrazzjoni ta' AD Maiora kienu fost ir-responsabbiltajiet ta' Optimum SIF u ta' Optimum Management, twaqqaf ukoll kumitat tal-investimenti f'Ad Maiora ("Il-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora") b'setgħat konsultattivi għal kull deċiżjoni ta' investiment illi kienet tikkonċerna Ad Maiora;*

7. *Illi l-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora kien kompost minn rappreżentanti ta' IOR (inkluż ir-rappreżentanti passati ta' IOR, id-Direttur Ġenerali u d-Deputat Direttur Ġenerali, Messrs. Paolo Cipriani u Massimo Tulli) u rappreżentanti ta' kumpannija Taljana u ta' kumpannija fil-Lussemburgu, ECPI s.r.l. u ECP International S.A., rispettivament, liema kumpanniji kienu jservu bħala konsulenti rigward l-investimenti u l-etika ta' Ad Maiora u IOR;*

8. *Illi fis-sena 2014, IOR fetħet proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Vatikan kontra l-imsemmija Cipriani u Tulli, għal danni ċivili a bażi tal-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji u kontrattwali tagħhom, vis-à-vis IOR, partikolarment in konnesjoni mal-investimenti illi huma approvaw fil-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora, inkluż l-investiment illi qed jiġi ttrattat fil-proċeduri odjerni. Illi permezz ta' miżuri temporanji, it-Tribunal tal-Vatikan ħareġ ordni sabiex jinqabdu l-assi ta' Messrs. Cipriani u Tulli sal-ammont ta' sebgħa u għoxrin miljun u tmien mija u tmenin elf Euro (€27,880,000);*

9. *Illi IOR qiegħda wkoll tikkonsidra illi titlob danni kontra l-kumpanniji sussidjarji illi huma ECPI s.r.l. u ECP International S.A. u l-maniġers tagħhom għall-istess raġunijiet;*

10. *Illi Optimum Management iddeċidiet illi tinvesti parti mill-assi ta' Ad Maiora illi ġew ipprovduti minn IOR (illi kienet l-unika investitur tagħha) fil-Kappa Fund ("Kappa"), sub-fund dedikat tal-ewwel intimata Futura Funds SICAV plc ("Futura") illi hija skema ta' investiment kollettiv imwaqqfa taħt il-Liġi ta' Malta b'kapital azzjonarju varjabbli u liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("l-Awtorità") taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kapitolu 370 tal-Liġijiet ta' Malta);*

11. *Illi Futura hija amministrata mit-tieni intimata, Futura Investment Management Limited ("Futura Management"), kumpannija ta' responsabbilità limitata mwaqqfa u reġistrata taħt il-Liġijiet ta' Malta u liċenzjata mill-Awtorità sabiex tipprovdi servizzi ta' investiment lill-iskemi ta' investiment kollettiv;*

12. *Illi, aktar minn hekk, kif dikjarat fuq is-sit elettroniku tagħha, Futura Management ġiet, 'set up in 2011 by the management team of Optimum Asset Management' u hija 'Optimum Asset Management affiliated company';*

13. *Illi, qabel l-investiment f'Kappa, kif rappurtat fil-minuti tal-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora datati 22 ta' Jannar, 2013, ir-rappreżentanti ta' ECP International S.A. (Messers. Michele Calcaterra u Ignazio Basile) ppreżentaw pjan ta' investiment, b'riżultat ta' liema pjan Kappa kienet tinvesti f'proġett ta' żvilupp*

*ta' proprjetà immobbli (il-"Proġett ta' Żvilupp"), fir-rigward ta' binja illi kienet preċedentement il-Borża ta' Budapest fl-Ungerija (l-"Exchange Palace");*

14. *Illi kif rapportat fl-imsemmija minuti, dan l-investiment kien isir billi jiġi mixtri non-performing loan (in-"Non-Performing Loan") maħruġa minn Bank fl-Ungerija MKB ("MKB") lill-proprjetarju tal-Exchange Palace, Toszdepalota Ingantlanforgalmazo'es Fejleszto KFT (il-"Kumpannija Ungeriża") u wara, in-Non-Performing Loan tiġi konvertita f'86.4% tal-ishma fil-Kumpannija Ungeriża;*

15. *Illi, partikolarment, waqt dik il-laqgħa, il-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora qabel illi jinvesti tletin miljun Euro (€30,000,000) fi proġetti ta' żvilupp ta' proprjetà, u illi talloka parti minn dan l-investiment lil Kappa;*

16. *Illi, fid-19 ta' Frar, 2013, il-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora qabel illi jinvesti wieħed u għoxrin miljun Euro (€21,000,000) f'ishma Class B f'Kappa fir-rigward tal-Proġett ta' Żvilupp, wara illi rreveda presentation (ippreparata minn Optimum Management) illi kienet tgħid biċ-ċar illi l-prezz ta' bejgħ tan-Non-Performing Loan kien ugwali għal tnejn u tletin miljun Euro (€32,000,000), (għalhekk kien jikkonferma l-informazzjoni pprovduta waqt din il-laqgħa u waqt il-laqgħat preċedenti hawn fuq imsemmija tal-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora);*

17. *Illi ftit taż-żmien wara, għalkemm kien hemm il-ftehim illi jiġu investiti wieħed u għoxrin miljun Euro (€21,000,000) u mingħajr ma kienet taf IOR, ir-rappreżentanti ta' Optimum SIF, Messrs. Alberto Matta u Girolamo Stabile intrabtu (f'isem Ad Maiora) f'investiment ieħor ta' wieħed u erbgħin miljun Euro (€41,000,000) f'Kappa, u iffirmaw il-formola ta' sottoskrizzjoni. Ftit wara Optimum SIF trasferiet l-ewwel sbatax-il miljun Euro (€17,000,000) minn Ad Maiora lil Kappa;*

18. *Illi fit-18 ta' Ġunju, 2013, IOR talbet sabiex isir il-fidi totali in ispecie tal-investiment f'Ad Maiora, sabiex telimina saffi mhux meħtieġa fil-kontroll tal-investimenti u l-ispejjeż relatati, u għalhekk lejn l-aħħar ta' Settembru saret direttament investitur f'Kappa, meta il-fidi in ispecie ġie pproċessat u komplut;*

19. *Illi bħala kundizzjoni tal-fidi in natura ta' Ad Maiora, Optimum SIF talbet lil IOR sabiex tistipula s-segwenti: "From the date of the redemption in kind of such Instruments, IOR (would) be entitled to any dividends and rights deriving from them, and (would) meet any related outstanding investment commitments and financial liabilities, according to the terms and conditions set forth in the Instruments' prospectuses." Optimum SIF għalhekk talbet lil IOR "(to) acknowledge that as of (that day, i.e. 23 September 2013), the only unpaid*

*commitment (was) a portion of the Euro 41,000,000 subscription in the Futura Funds SICAV – Kappa Fund";*

20. *Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru, 2013, IOR bagħtet risposta tgħid is-segwenti, "based on our communications (i.e. what it was told by Optimum, IOR) underst(ood) that ... the outstanding investment commitment in (Kappa) amount(ed) to Euro 24,000,000." Illi, minkejja dan, wara riflessjoni ulterjuri u reviżjoni legali tad-dokumenti rilevanti, irriżulta illi dan il-ftehim kien skorrett;*

21. *Illi hemm investituri oħra f'Kappa, li kollettivament għandhom sittax-il miljun Euro (€16,000,000) f'ishma Class A f'Kappa b'rendiment fiss ta' 7% kull sena, filwaqt illi IOR hija l-unika investitur fl-Ishma Class B ta' Kappa illi ġġorr ir-riskju kollu ta' ekwità tal-Proġett ta' Żvilupp;*

22. *Illi, għalhekk, l-investiment totali attwali f'Kappa mid-diversi investituri jammonta fi tlieta u tletin miljun Euro (€33,000,000), jiġifieri, miljun Euro (€1,000,000) aktar mill-prezz previst tan-Non Performing Loan;*

23. *Illi fis-16 t'Ottubru, 2013, Futura bagħtet drawdown notice lil IOR fejn talbet il-ħlas ta' għaxar miljun Euro (€10,000,000) sa mhux aktar tard mid-29 ta' Ottubru, 2013. IOR ma ħallsitx dan l-ammont u minflok talbet lil Futura tipprovdi evidenza tal-allegata obbligazzjoni ta' IOR illi tinvesti aktar f'Kappa;*

24. *Illi wara l-korrispondenza inizjali bejn Futura u l-maniġment il-ġdid ta' IOR, fit-13 ta' Novembru, 2013, Futura bagħtet drawdown notice ġdida fejn talbet il-ħlas ta' erba' miljun Euro (€4,000,000), (jiġifieri l-ammont illi kien għad baqa' jitħallas mill-wieħed u għoxrin miljun Euro (€21,000,000) illi kienu ġew investiti bl-awtorizzazzjoni tal-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora). Permezz ta' email datata 14 ta' Novembru, 2013, Futura kkjarifikat illi d-drawdown notice tat-13 ta' Novembru, 2013 kienet qed tieħu post u tikkanċella d-drawdown notice preċedenti ta' għaxar miljun Euro (€10,000,000) datata 16 ta' Ottubru, 2013 u talbet lil IOR illi tissodisfa l-obbligazzjoni ta' ħlas illi kellha vis-à-vis Kappa;*

25. *Illi fit-30 ta' Novembru, 2013, il-gazzetta finanzjarja Taljana, Il Sole 24 Ore, ippubblika artikolu illi żvela s-segwenti:*

    i. *L-investiment fil-Proġett ta' Żvilupp kien oriġinarjament mixtri għal għoxrin miljun Euro (€20,000,000) minn sub-fund ieħor ta' Futura, Newton Fund ("Newton"), għan-nom ta' pension fund Taljan Enasarco illi kien investa f'Newton;*

*ii.* *Meta Enasarco skopra l-investiment hawn fuq imsemmi, huwa hedded illi ser jittieħdu passi legali kontra Futura;*

*iii.* *Illi l-Investiment kien għalhekk mibjugħ lil sister fund ta' Newton imwaqqaf riċentement, Kappa, għal għoxrin miljun u erba' mitt elf Euro (€20,400,000);*

26. *Illi, wara illi saru jafu b'dan ta' hawn fuq, IOR ripetutament talbu lil Futura Management sabiex tispjega għaliex kien hemm diskrepanza bejn l-informazzjoni pprovduta fil-presentation diskussa fil-laqgħa tat-22 ta' Jannar, 2013 tal-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora u l-informazzjoni rappurtata minn Il Sole 24 Ore, inkluż fir-rigward tal-prezz ta' bejgħ tan-Non-Performing Loan;*

27. *Illi dawn it-talbiet għal spjegazzjoni ġew injorati, sakemm fil-11 ta' Ġunju, 2014 Futura Management eventwalment bagħtet ittra fejn spjegat illi, f'April 2013, Futura ġiegħlet lil Newton illi tassenja n-Non-Performing Loan lil terza kumpannija fil-Lussemburgu bl-isem Cougar Real Estate S.A. ("Cougar") għall-prezz illi ma kienx speċifikat;*

28. *Illi deher minn din l-ittra minn Futura Management illi, kontra għal dak illi kienet tipprovdi l-presentation illi kienet oriġinarjament saret lill-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora, Kappa ma akkwistatx direttament in-Non-Performing Loan minn Newton, iżda Kappa minflok ingħatat l-għażla illi tixtri l-ishma f'Cougar, illi għandha 86.4% tal-ishma fil-kumpannija Ungeriża;*

29. *Illi meta wieħed jeżamina l-investiment fil-Proġett ta' Żvilupp (waqt il-laqgħat tat-22 ta' Jannar u d-19 ta' Frar, 2013), la l-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora u lanqas IOR ma kienu jafu jew ġew mgħarrfa dwar l-involviment ta' Newton u Cougar fl-istruttura, liema involviment jirriżulta illi ġie jiswa ħafna u ma kellu l-ebda benefiċċju ekonomiku (għall-kuntrarju, kien ta' detriment) għall-IOR;*

30. *Illi minħabba din l-imġiba suspettuża, fil-bidu ta' Ottubru 2015, IOR uriet l-intenzjoni tagħha lil Futura illi tifdi l-investiment tagħha f'Kappa;*

31. *Illi, ftit jiem wara dak spjegat hawn fuq, proprju f'dan il-punt kruċjali, permezz ta' ittra datata 15 ta' Ottubru, 2015 Futura infurmat lil 'all Class B Shareholders' ta' Kappa – IOR kienet u tibqa' l-unika azzjonista tal-Ishma Class B – illi "the Board of Directors ... have decided to suspend all redemptions from the Kappa Fund, with effect from 16 October 2015, due to liquidity issues", u eżerċitat is-setgħa diskrezzjonali tagħha fir-rigward il-mala fede tal-privattiva;*

32. *Illi din is-sospensjoni kienet ċarament tmur kontra n-natura vera tal-investiment u ma kinitx konformi mal-istandard tas-suq għaliex is-suq tal-proprjetà per definizzjoni ma kienx likwidu; iżda, fl-istess waqt Kappa Offering Supplement (the "OS") ippermettiet l-investituri jifdu l-investiment tagħha kull xahar (kif jirriżulta mid-definizzjoni ta' Redemption Day fuq paġna 3 tal-OS), waqt illi skont l-OS, "Redemptions may be suspended at any time due to the illiquidity of the investments of the Fund at the discretion of the Fund on the advice of the Investment Manager";*

33. *Illi, għalhekk, filwaqt illi min-naħa waħda OS tat indikazzjoni ċara illi l-investituri kellhom id-dritt illi jifdu l-investiment tagħhom a bażi tal-valur nett tal-assi kull xahar, min-naħa l-oħra hija tipprovdi lid-diretturi ta' Futura id-diskrezzjoni illi jissospendu. L-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni proprju f'dan il-punt partikolari juri illi l-fidi ġie sospiż b'mala fede;*

34. *Illi wara illi saru investigazzjonijiet indipendenti minn IOR fl-investiment tal-entitajiet involuti, IOR ikkonfermat illi Newton kienet assenjat in-Non Performing Loan lil Cougar għal għoxrin miljun u erba' mitt elf Euro (€20,400,000) u saret taf ukoll is-segwenti:*

   *(i)* *Cougar ġiet inkorporata fit-28 ta' Frar 2013, jiġifieri biss 9 ijiem wara illi l-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora awtorizza l-investiment ta' wieħed u għoxrin miljun Euro (€21,000,000) fl-ishma Class B f'Kappa fir-rigward tal-Proġett ta' Żvilupp;*

   *(ii)* *Cougar kienet oriġinarjament ġiet imwaqqfa minn kumpannija offshore reġistrata ġewwa Dubai, Holdabco Limited ("Holdabco") illi laħqet żewġ miljun Euro (€2,000,000) f'kapital f'Mejju 2013;*

   *(iii)* *Sussegwentement, il-kumpannija fil-Panama Alpininvestments Holding S.A. ("Alpininvestments") akkwistat 33% mill-kapital azzjonarju ta' Cougar;*

   *(iv)* *L-unika għan wara Cougar kien illi t-tranżazzjoni tkun strutturata mhux bħala investiment dirett fil-Proġett ta' Żvilupp billi Kappa takkwista n-Non Performing Loan, kif kien ġie ppreżentat lill-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora, iżda bħala investiment indirett fil-Proġett ta' Żvilupp permezz tal-akkwist illi sar minn Futura u Kappa tal-ishma kollha f'Cougar, illi min-naħa tagħha akkwistat 90% tal-ishma fil-kumpannija Ungeriża (illi hija proprjetarja tal-Exchange Palace);*

35. *Illi, fil-fatt, fit-12 ta' Novembru, 2013, Futura u Kappa akkwistaw l-ishma kollha f'Cougar, għal tnejn u tletin miljun Euro (€32,000,000) u għalhekk iġġeneraw profitt malajr ta' ħdax-il miljun u sitt mitt elf Euro (€11,600,000) mill-prezz ta' għoxrin miljun u erba' mitt elf Euro (€20,400,000) illi kien tħallas minn Cougar lil Newton favur l-azzjonisti ta' Cougar, Holdabco u Alpainvestments (it-tnejn entitajiet offshore b'benefiċjarji mhux magħrufa) mingħajr ebda ġustifikazzjoni ekonomika;*

36. *Illi, aktar minn hekk, f'Mejju 2016 IOR skopriet illi:*

*(i)* *Newton kienet akkwistat in-Non-Performing Loan għal għoxrin miljun Euro (€20,000,000) f'Diċembru 2012 permezz ta' kuntratt ta' assenjazzjoni datat 17 ta' Diċembru, 2012 u kkonfermat b'att notarili fl-10 ta' Jannar, 2013;*

*(ii)* *Futura (għan-nom ta' Newton) u Futura (għan-nom ta' Kappa) iffirmat term-sheet fl-10 ta' Jannar, 2013, liema term-sheet kienet torbot lil Newton tittrasferixxi n-Non-Performing Loan lil Kappa għal għoxrin miljun u erba' mitt elf Euro (€20,400,000);*

*Xejn minn dan ma kien intqal lill-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora biss ftit ġimgħat wara (fi Frar 2013), meta l-prezz għan-Non-Performing Loan kien indikat bħala dak ta' tnejn u tletin miljun Euro (€32,000,000);*

37. *Illi l-effett tat-tranżazzjoni hawn fuq imsemmija kien illi tiddevja minn tal-inqas ħdax-il miljun u sitt mitt elf Euro (€11,600,000) mill-flus ta' IOR investiti f'Kappa permezz ta' struttura illi hija nieqsa minn kwalunkwe raġunament ekonomiku;*

38. *Illi għalhekk, bħala l-uniku investitur f'ishma Class B ta' Kappa (jiġifieri l-unika klassi ta' ishma illi kienet iġġorr riskju ta' ekwità fil-Proġett ta' Żvilupp), IOR sofriet danni sostanzjali u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawża;*

39. *Illi permezz tad-direttivi illi nħarġu fid-9 ta' Ġunju, 2016 lil Futura Management u l-Bank of Valletta bħala depożitatur ta' Futura, l-Awtorità sabet illi l-assi totali taħt il-maniġment ta' Futura kien jeċċedi l-limitu minimu ta' mitt miljun Euro (€100,000,000) stipulat f'artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE u għalhekk ordnat lil Futura, inter alia, illi tirrifjuta r-reġistrazzjonijiet fil-funds kollha eżistenti u illi ma taċċettax mandati ġodda sakemm l-assi taħt il-maniġment ta' Futura jkunu inqas minn mil-limitu minimu ta' mitt miljun Euro (€100,000,000);*

40. *Illi s-sekwenza tal-avvenimenti hawn fuq imsemmija hija wkoll milquta minn kunflitt ta' interess ċar: il-ħames intimat Alberto Matta huwa direttur ta'*

*Optimum SIF, Optimum Management, Futura, Futura Management u ta' Futura Investment Management Limited, illi hija proprjetarja ta' Futura Management illi min-naħa tagħha hija kollha proprjetà tal-istess Alberto Matta; is-Sur Matta huwa wkoll wieħed mill-benefiċjarji prinċipali, jekk mhux l-uniku benefiċjarju, ta' Optimum Management illi kienet topera lil Optimum SIF u lil Ad Maiora;*

41. *Illi għalkemm Alberto Matta ma kienx membru tal-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora, kien hu, illi, flimkien mas-sitt intimat Girolamo Stabile, direttur ieħor ta' Optimum SIF u Optimum Management, li ffirma l-formola ta' sottoskrizzjoni, u flimkien ikkommettew għall-investiment ta' wieħed u erbgħin miljun Euro (€41,000,000) f'Kappa (u injoraw id-deċiżjonijiet illi saru mill-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora) u għamlu pagamenti lil Kappa illi kienu jammontaw għal sbatax-il miljun Euro (€17,000,000), kif diġà spjegat hawn fuq; Alberto Matta u Girolamo Stabile huma (jew għallinqas kienu) wkoll diretturi f'Cougar;*

42. *Illi, aktar minn hekk, waqt il-laqgħat tal-Kumitat tal-Investimenti ta' Ad Maiora hawn fuq imsemmija u waqt il-laqgħat sussegwenti, ma saret ebda referenza għal prospectus/offering memorandum ta' Kappa u lanqas għall-involviment ta' Cougar u għall-inflazzjoni inġusta tal-prezz tal-akkwist tal-porzjoni fil-Budapest Palace;*

43. *Illi, minn dan kollu spjegat hawn fuq, jirriżulta illi IOR ġiet abbużivament maqbuda, possibilment mill-bidu nett, f'għanqbuta minaċċjuża ta' intrigi u tranżazzjonijiet suspettużi a skapitu tagħha;*

44. *Illi, għalhekk, jirriżulta illi l-intimati, in solidum, kienu serjament inadempjenti għaliex naqsu milli jonoraw l-obbligi fiduċjarji tagħhom fir-rigward ta' IOR ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

45. *Illi l-fatti fir-rikors ġuramentat odjern ma humiex magħrufa mill-mandatarju personalment iżda ġew spjegati u mgħarrfa lilu mill-mandanti tiegħu u wkoll dedotti mid-dokumenti hawn annessi.*

*Għar-raġunijiet hawn fuq premessi, salv għal kull dikjarazzjoni preċedenti u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, ir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione titlob lil din il-Qorti illi:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati in solidum jew min minnhom kienu inadempjenti u kisru l-obbligazzjonijiet fiduċjarji tagħhom fil-konfront tar-*

*rikorrenti Istituto per le Opere di Religione taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*ii.* *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-azzjonijiet tal-intimati bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tagħhom jew min minnhom ikkawżaw danni lir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione;*

*iii.* *Tillikwida d-danni hekk ikkawżati u sofferti mir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione, jekk ikun il-każ bl-intervent ta' perit jew periti appuntati skont il-liġi;*

*iv.* *Tikkundanna lill-intimati in solidum jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione, id-danni hekk likwidati minn dina l-Qorti;*

*v.* *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sospensjoni tal-fidi tal-ishma tar-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione fil-Kappa Fund mill-ewwel intimata Futura Funds SICAV plc u komunikata lir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione b'ittra datata 15 ta' Ottubru, 2015, mill-ewwel intimata Futura Funds SICAV plc, saret b'mala fede u b'mod abbużiv u illegali; u*

*vi.* *Tordna u tikkundanna lill-ewwel intimata Futura Funds SICAV plc, illi ma toħroġ ebda sospensjoni oħra ta' fidi tal-ishma tar-rikorrenti fil-Kappa Fund u illi tneħħi s-sospensjoni eżistenti ta' fidi tal-ishma tar-rikorrenti fil-Kappa Fund, liema sospensjoni ġiet komunikata lir-rikorrenti Istituto per le Opere di Religione b'ittra datata 15 ta' Ottubru 2015 mill-ewwel intimata Futura Funds SICAV plc, u illi tissodisfa u timplementa minnufih kull talba tar-rikorrenti għall-fidi tal-ishma tagħhom fil-Kappa Fund u illi tħallas lir-rikorrenti l-valur tal-istess ishma.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati in solidum jew kif il-Qorti jidhrilha xieraq bejniethom kontra l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa u l-Kontrotalba tas-soċjetà konvenuta **Futura Investment Management Limited** (C53181), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Novembru, 2017, u maħlufa minn Simon Grima (ID 483466M) in rappreżentanza tal-istess.

Rat ir-Risposta Maħlufa u l-Kontrotalba tas-soċjetà konvenuta **Futura Funds SICAV plc** (reġistrata taħt il-liġi Maltija bin-numru ta' reġistrazzjoni SV 190), (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Futura SICAV"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Novembru, 2017, u maħlufa minn Dr Francis k/a Frank Chetcuti Dimech (ID 236269M), in rappreżentanza tal-istess.

Rat ir-Risposta Maħlufa u l-Kontrotalba tas-soċetajiet konvenuti **Optimum Evolution Fund SIF** u **Optimum Asset Management (Luxembourg) S.A.**, kif debitament rappreżentati f'dawn il-proċeduri mis-soċjetà Maltija Futura Investment Management Limited (C 53181) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti Optimum"), li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Novembru, 2017 u maħlufa minn Dr Frank Chetcuti Dimech (ID 236269M), f'isem Futura Investment Management Limited in rappreżentanza il-konvenuti Optimum.

Rat ir-Risposta Maħlufa u l-Kontrotalba tal-konvenut **Alberto Matta** (Passaport Taljan bin-numru YA5332967), kif debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri mis-soċjetà Maltija Futura Investment Management Limited (C 53181) li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Diċembru, 2017, u maħlufa minn Dr Frank Chetcuti Dimech (ID 236269M), f'isem Futura Investment Management Limited in rappreżentanza tal-konvenut Alberto Matta.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Girolamo Stabile**, detentur tal-Passaport Taljan bin-numru YA6859099, li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Ġunju, 2018 u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

i. *Illi preliminarjament, ir-rikors promutur intavolat mir-rikorrenti jikkontjeni numru ta' dikjarazzjonijiet żejda li jirrigwardaw kwistjonijiet superfluwi. Ex admissis, il-premessi għar-rikors ġuramentat huma riżultat ta'*

*informazzjoni mogħtija minn terzi ("mhux magħrufa personalment" mill-prokuratur speċjali) jew 'deduzzjonijiet' gratuwiti. Trid issir distinzjoni bejn il-fatti u l-finzjoni. Aktar minn hekk, in-natura u l-kwantum approssimattiv tad-danni reklamati mir-rikorrenti ma huwiex ċar. Għaldaqstant, sabiex id-difiża tal-konvenut ma tiġix severament ippreġudikata, dan tal-aħħar, filwaqt illi qed jippreżenta din ir-risposta, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tinvoka d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 159(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Illi in linja preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza u ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-konfront tal-konvenut odjern. Mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni oħra, il-konvenut Stabile huwa ċittadin Taljan u kien uffiċjal fi ħdan il-kumpanniji konvenuti Optimum u Cougar Real Estate (li b'ammissjoni tar-rikorrenti stess huma kumpanniji fil-Lussemburgu). Ir-rikorrenti ma jindikax kif u għaliex essendo hija stess struttura jew organizzazzjoni estera, qed tippromwovi din il-kawża f'Malta kontra l-konvenut li huwa Taljan għall-ħidma tiegħu ma' kumpanniji esteri u li qed jinnegozjaw f'pajjiżi barranin;*

iii. *Illi in linja preliminari, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe eċċezzjoni, ir-rikorrent irid jidentifika fil-bidu tal-proċeduri n-natura u tip ta' danni reklamati (eż: dawk kuntrattwali, extra-kuntrattwali, delittwali, eċċ). Din id-dikjarazzjoni u kjarifika hija meħtieġa mhux biss biex tiddetermina t-tip ta' azzjoni meħuda iżda anke għad-difiża ta' din il-kawża. Jistgħu jitressqu aktar eċċezjonijiet, inkluż dawk tal-preskrizzjoni, meta din il-kjarifika sseħħ. Ir-rikorrenti għandu jagħmel tali kjarifika u mhux jippermetti sitwazzjoni fejn din l-Onorabbli Qorti u l-konvenuti joqogħdu jippruvaw jiddeduċu x'tip ta' azzjoni għad-danni ġiet effettivament intavolata.*

iv. *Illi, in linja preliminari, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex:*

(a) *mingħajr preġudizzju għas-suespost, u għad-difiża fil-mertu, fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet (rigward vjolazzjonijiet ta' obbligi fiduċjarji u danni konsegwenti), il-konvenut ma jista' qatt jitqies bħala l-leġittimu kontradittur u dan għaliex huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti li tista' tagħti lok għal xi obbligi fiduċjarji lejn l-istess rikorrenti, iżda semmai lejn il-konvenuti l-oħra;*

(b) *Illi wkoll fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet tar-rikorrenti u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux ċar kif Girolamo Stabile, ċittadin Taljan li mhuwiex residenti Malta, u fil-kapaċità tiegħu personali jista' qatt ikollu xi obbligi fiduċjarji taħt il-liġi Maltija, u senjatament id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif qed jiġi allegat, speċjalment meta ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-konvenut u b'hekk ma seta' qatt kien hemm ksur ta' tali obbligi għax dawn huma ineżistenti;*

(c) *Illi l-konvenut Stabile mhux il-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-ħames (5) u s-sitt (6) talbiet tar-rikors ġuramentat stante tali sospensjoni ġiet effettwata minn Futura Funds SICAV plc (minn issa 'l quddiem Futura SICAV) u mhux mill-konvenut – u dan mingħajr preġudizzju għall-fatt li s-sospensjoni tal-fidi tal-ishma tar-rikorrenti fil-Kappa Fund (minn issa 'l quddiem 'Kappa Fund') ma saritx 'in mala fede, abbużivament u illegalment'. Għall-kuntrarju, din id-deċiżjoni kienet konformi mal-Kappa Fund Offering Supplement u kienet ġustifikata fiċ-ċirkostanzi, kif se jiġi spjegat 'il quddiem;*

(d) *Illi anke jekk, dato ma non concesso, hemm xi ħtija fuq il-konvenut, l-istess konvenut Stabile kien qed jaġixxi bħala uffiċjal ta' kumpannija u għalhekk isegwi illi huma l-istess kumpannija/i konvenuti illi għandhom jirrispondu għal dan l-aġir. Ir-rikorrenti naqqsu milli jindikaw kwalunkwe artikolu fil-liġi biex jiġġustifikaw kif ittieħdu dawn il-proċeduri kontra l-konvenut personalment.*

*v.* *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut qatt m'aġixxa bi ksur ta' xi obbligazzjoni li huwa qatt seta' kellu fil-konfront tar-rikorrenti;*

*vi.* *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti kienu nfurmati b'kull tranżazzjoni magħmula u akkwijexxew għall-istess tranżazzjonijiet. Il-konvenuti kienu qed jeżegwixxu struzzjonijiet konfermati mir-rikorrenti jew il-konsulenti/rappreżentanti tagħhom;*

*vii.* *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ illi r-rikorrenti jippruvaw illi huma attwalment sofrew danni, illi hemm ness kawżali bejn it-telf li sofrew u kwalsiasi att jew ommissjoni da parti tal-konvenut, u li ma kien hemm l-ebda negliġenza kontributorja jew azzjoni illeċita da parti ta' terzi jew ir-*

*rikorrenti nfushom. Di più, il-kwantum tal-allegati danni għandu jiġi ppruvat. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rilevat illi, qabel xejn, l-underlying asset (konsistenti fi proprjetà sitwata ġewwa Budapest li ġiet akkwistata mill-Kappa Fund tramite t-tranżazzjonijiet li saret riferenza għalihom mir-rikorrenti fir-rikors promutur) awmenta fil-valur b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin u kien ikompli jawmenta ferm aktar li kieku r-rikorrenti onoraw il-capital commitments li ntrabtu bihom. Għalhekk, m'huwiex ċar x'tip ta' 'danni' setgħu qatt ġew rekati lir-rikorrenti;*

viii. *Illi, rigward il-pretensjoni tar-rikorrenti li tirrigwarda l-ispejjeż, huwa umilment sottomess illi jkun x'ikun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, l-ispejjeż għandhom jiġu allokati pjenament lir-rikorrenti stante li sa ftit ġimgħat qabel ma ġew istitwiti dawn il-proċeduri mir-rikorrenti, il-partijiet kienu kważi laħqu kompromess amikevoli, iżda mandanakollu r-rikorrenti, bla spjegazzjoni, irtiraw mid-diskussjonijiet u intavolaw din il-kawża mingħajr ebda pre-avviż jew intimazzjoni;*

ix. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-liġi, partikolarment jekk talvolta din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari:*

*Bl-ispejjeż.*

***Dikjarazzjoni ta' Fatti ai termini tal-artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

1. *Illi preliminarjament, ir-rikors promutur intavolat mir-rikorrenti jikkontjeni numru ta' dikjarazzjonijiet żejda li jirrigwardaw kwistjonijiet superfluwi. Ex admissis il-premessi għar-rikors ġuramentat huma riżultat ta' informazzjoni mogħtija minn terzi ('mhux magħrufa personalment' mill-prokuratur speċjali) jew 'deduzzjonijiet' gratuwiti. Trid issir distinzjoni bejn il-fatti u l-finzjoni. Aktar minn hekk in-natura tad-danni u l-kwantum approssimattiv tad-danni reklamati mir-rikorrenti ma huwiex ċar. Għaldaqstant, sabiex id-difiża tal-konvneut ma tiġix severament ippreġudikata, dan tal-aħħar, filwaqt illi jippreżenta din ir-risposta, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tinvoka d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 159(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi bħala kuntest jiġi ddikjarat illi Futura SICAV u Futura Investment Management Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Futura Management') huma t-tnejn affiljati mal- u jiffurmaw parti mill-'Optimum Group'. Optimum*

*Group huwa private equity estate manager li jispeċjalizza fir-real estate. B'total ta' wieħed punt erbgħa biljun Euro (€1,400,000,000) f'asset under management, il-group jieħu ħsieb assi u proġetti ta' żvilupp fil-Ġermanja, l-Amerika, l-Ungerija, il-Bulgarija u Franza. Permezz tal-akkwist u ottimizzar ta' mispriced u/jew mismanaged real estate assets ta' natura residenzjali u kummerċjali li l-Grupp jieħu ħsieb, matul is-snin irnexxielu jiġġenera qligħ konsiderevoli mill-funds ta' proprjetà li jiġġestixxi (ħlief għall-Kappa Fund li wkoll kellu l-elementi kollha biex jiġġenera qligħ sostanzjali, li kieku r-rikorrenti ma naqsux, b'mod irresponsabbli, milli jonoraw il-capital commitment tagħhom, bi preġudizzju mhux biss għalihom, iżda wkoll għal investituri oħra). Il-Grupp għandu 'l fuq minn sittin investitur ibbażati fl-Europa, fl-Amerka ta' Fuq u fl-Asia-Pacific, li jinkludu sovereign wealth u public pension funds, occupational u corporate pension funds, kumpanniji tal-assikurazzjoni, fondazzjonjiet u family offices kbar. Optimum li għandha uffiċċju reġistrat fil-Lussemburgu, għandha preżenza qawwija lokali fil-Ġermanja u l-Istati Uniti u topera permezz tal-affiljati tagħha ġewwa Budapest tramite investment vehicle;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kkontestati bħala infondati fil-fatt, għal dawn ir-raġunijiet ukoll.*

4. *Il-paragrafi (1) sa (3) tar-rikors promutur ġuramentat mhumiex ikkontestati mill-konvenut;*

5. *Il-paragrafi (4) sa (7), rigward ir-relazzjoni bejn il-konvenuti Optimum Evolution Fund SIF (minn hawn 'il quddiem 'SIF u Optimum Asset Management (Luxembourg) S.A. (minn hawn 'il quddiem hekk imsejħa 'Optimum Management') u l-governanza ta' 'Ad Maiora' mhux qed jiġu kkontestati, salv għas-segwenti kjarifiki:*

   (i) *Is-set-up ta' Ad Maiora kien rikjest b'mod speċifiku mir-rappreżentanti tal-IOR tramite l-konsulenti tagħha, ECPI S.r.l. u ECP International S.A. Optimum SIF ġiet mitluba biex takkomoda fi ħdanha sub-fund iddedikata għall-IOR, imfassla apposta għall-IOR u soġġetta għal struttura ta' governanza partikolari u insolita;*

   (ii) *Fil-fatt, Ad Maiora, sub-fund taħt Optimum SIF, kienet tingħata pariri fuq l-investimenti minn Investment Manager estern magħżul mill-ECPI s.rl.l/IOR (inizjalment Tarchon Capital Management LLP u*

*sussegwentement sostitwita minn ECP International S.A.) u kif ukoll minn konsulenti SRI (Socially Responsible Investing) u ESG (Environmental, Social and Governance), ECPI preżumibbilment ukoll magħżula minn IOR;*

(iii) *L-Investment Manager kien ikun inkarigat bl-għażla ta' investimenti lill-Investment Committee ta' Ad Maiora. Il-konsulenti SRI/ESG kienu nkarigati mis-sub-fund sabiex iwettqu screening tal-investimenti prospettivi sabiex tiġi ristretta l-attività tas-sub-fund limitatament għall-attività kummerċjali li tinkwadra fil-parametri tal-kriterji speċifiċi tal-etika u s-sostenibbilità. It-tnejn li huma kellhom ikunu rappreżentati fl-Investment Committee tas-sub-fund flimkien ma' rappreżentanti għolja tar-rikorrenti. Dan hu konfermat mill-Offering Supplements li jikkonċernaw Ad Maiora, liema dokumenti huma datati Jannar tas-sena 2012 u Lulju tas-sena 2013;*

(iv) *Di più, kwalsiasi investiment kellu jiġi approvat mill-imsemmi Investment Committee. Skont l-aħħar verżjoni approvata tal-Offering Supplement datata Lulju tas-sena 2013, is-segwenti kienet il-kompożizzjoni tal-Investment Committee u l-poteri tiegħu:*

*"The Board will create an investment committee for the Sub-Fund (the Investment Committee) which will be composed of seven (7) members as follows:*

i. *3 members appointed and dismissed by the general meeting of shareholders of the Sub-Fund (through a decision taken at the majority of those present or represented, without quorum requirement);*
ii. *2 members appointed and dismissed by the Investment Advisor;*
iii. *1 member appointed and dismissed by the ESG (Ethical, Social and Governance) and SRI (Socially Responsible Investment) Advisor; and*
iv. *1 member appointed and dismissed by the Management Company;*

*The Investment Committee shall:*

a. *Have the right to make recommendations, as it sees fit, to the Management Company in relation to the conduct of the*

*investments of the Sub-Fund and shall review compliance with ESG and SRI Criteria of proposed investments of the Sub-Fund, provided that the Management Company will retain at all times the ultimate decision making power in respect of investments/divestments to be made by the Sub-Fund;*

b. *Review any proposed change in the investment objectives and strategy of the Sub-Fund, as set out in the Memorandum that would be used in relation to further subscriptions to the capital of the Sub-Fund in order to induce prospective investors to subscribe to Shares in the Sub-Fund, and which may be proposed by the Management Company;*
c. *Review any proposal from the Board to reinvest or distribute the Sub-Fund Proceeds realised;*
d. *Review any proposal from the Management Company to open the Sub-Fund to investors following the Initial Offering Period;*
e. *Have the right to recommend the Management Company to terminate the contract(s) made with advisors and sub managers in relation to the investments of the Sub-Fund;*

*All decisions or resolutions by the Investment Committee shall be passed by a majority of the votes solidly cast at the meeting."*

(v) *Minkejja dak stipulat fl-Offering Supplement, qatt ma ġie appuntat rappreżentant ta' Optimum Management fuq l-Investment Committee, b'dan ifisser illi kwalsiasi deċiżjoni li ttieħdet fl-Investment Committee ġiet meħuda esklussivament mir-rappreżentanti tal-IOR u l-konsulenti tagħha;*

(vi) *Dan l-arranġament partikolari kien rifless fil-fee agreement li ppreveda management fee baxxa ta' 0.24% (net of fees reduction) għar-rwol ta' Optimum Management meta kkomparat mal-fees totali ta' 1.3%. Il-porzjon rimanenti ta' 1.06% tal-fees kien akkordat lill-konsulenti ESG u l-Investment Manager/Advisor li flimkien kellhom involviment ferm aktar attiv fit-treġija tas-sub-fund ikkumparat ma' Optimum;*

(vii) *Dan l-arranġament partikolari kien saħansitra rifless fil-minuti tal-Investment Committee, fejn kien hemm użu ripetut ta' sentenzi bħal 'the Committee resolves to invest', liema kliem kjarament jindika illi, de facto, l-Investment Commttee minflok sempliċement 'jirrakkomanda' kien jidentifika u jagħżel bir-reqqa l-investimenti. Prova addizzjonali ta'*

*dan huwa l-fatt illi matul l-eżistenza tal-Ad Maiora il-manager ma wettaq ebda investiment mingħajr struzzjonijiet speċifiċi tal-Investment Committee;*

(viii) *Jidher ċar mis-suespost illi l-konvenut Girolamo Stabile ma kienx involut fl-Investment Committee li kien iwassal għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investimenti ta' Ad Maiora fejn, fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Optimum Management kien prinċipalment supervisor tal-Investment Committee (b'poter ta' veto) bl-għan li jassigura illi d-deċiżjonijiet tal-Investment Committee ikunu in linea mal-investment policies u l-oġġettivi tal-Ad Maiora;*

6. *Il-paragrafi (8) sa (9) mhux qed jiġu kkontestati, salv għall-osservazzjoni li, sa fejn huwa a konoxxenza tal-konvenut, għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni finali fil-konfront tas-Sinjuri Cipriani u Tulli u li kwalunkwe sekwestru jew friżar ta' assi ta' xi individwi għandu jitqies bħala rimedju temporanju mogħti minn Qorti lokali (fil-Vatikan) fil-konfront ta' individwu sakemm tingħata sentenza aħħarija. Fi kwalunkwe każ, Cipriani u Tulli kienu l-ogħla uffiċjali tal-IOR (rappreżentanti tad-Direttorat) u ma kellhom l-ebda relazzjoni mal-konvenut Matta. F'dan ir-rigward, għandu jiġi sottolineat illi l-IOR Governance hija komposta minn Direttorat, Kummissjoni tal-Kardinali, Bord tas-Superintendenza, Prelat u tliet internal accountants, fejn l-amministrazzjoni ġenerali tal-Istitut, kemm dak ordinarju u sia dak straordinarju, taqa' kompletament f'idejn id-Direttorat, li huwa għalhekk l-ogħla organu ta' ġestjoni simili għal Bord ta' Diretturi f'kumpanniji. Bl-istess mod, ECPI s.r.l. u ECP International S.A. u l-managers rispettivi tagħhom ġew appuntati mill-IOR u l-konsulenti tagħhom u ċertament mhux appuntati minn jew jirrispondu lill-konvenut Matta. Ir-relazzjoni professjonali bejn IOR u ECPI S.r.l. u ECP International S.A. tmur lura snin twal u ferm aktar qabel saru l-fondi Ad Maiora u Kappa Fund. Dan huwa fatt magħruf fis-suq, u huwa kkonfermat minn numru ta' tranżazzjonijiet oħra li bl-ebda mod ma kienu jinvolvu lill-konvenut.*

7. *Il-paragrafi (10) sa (12) sa fejn dawn jiddeskrivu r-relazzjoni bejn Futura SICAV u Futura Management, mhumiex ikkontesti. Madanakollu, il-paragrafu (10), kif ukoll il-paragrafi (13) sa (17), li jagħtu spjegazzjoni dwar l-allegata deċiżjoni ta' Optimum Management biex jiġu investiti parti mill-assi li Ad Maiora tippossjedi fil-Kappa Fund, huma ikkontestati stante li l-impressjoni li tingħata, ossia li l-Investment Committee immexxi mill-uffiċjali tal-IOR ma*

*kienx konxju tal-implikazzjonijiet tal-investiment, hija skorretta u fallaċi għall-aħħar. F'dan ir-rigward, il-konvenut jinnota illi:*

(i) *It-tranżazzjoni kif diskussa mar-rappreżentanti tal-IOR minn Diċembru tal-2012 sa Jannar 2013 kienet tirrikjedi li Ad Maiora tinvesti fil-Kappa Fund, li min-naħa tagħha kienet ser tinvesti f'non-performing loan ("NPL") miżmuma minn sub-fund oħra ta' Futura SICAV (Newton) għall-prezz ta' madwar għoxrin miljun Euro (€20,000,000). L-NPL kien jirrigwarda kumpannija Ungeriża li tippossjedi bini storiku ta' profil notevoli fil-qalba ta' Budapest (liema bini kien preċedentement jintuża bħala l-Istock Exchange ta' Budapest), liema kumpannija kienet suġġetta għal proċeduri ta' stralċ quddiem il-Qrati ta' Budapest, b'likwidatur appuntat għal dan l-iskop. Għal dan il-għan, Newton u l-Kappa Fund kienu saħansitra daħlu f'Term Sheet fl-10 ta' Jannar 2013, bl-iskop li jiġi esegwit il-bejgħ tal-claim minn Newton għal Kappa għall-prezz ta' għoxrin punt erba' miljun Euro (€20,400,000). Tali Term Sheet ġiet sussegwentement rexissa mill-partijiet;*

(ii) *L-IOR kienet indikat bl-aktar mod ċar u inekwivoku, madanakollu, illi in vista tal-ESG u l-SRI policies, hija ma setgħetx, u lanqas xtaqet, illi tinvesti kemm direttament jew indirettament tramite Kappa Fund fin-NPL, u partikolarment loan fir-rigward ta' liema kien hemm proċedimenti ta' stralċ li ġew imnedija fil-Qrati ta' Budapest, b'likwidatur ġia appuntat. Huma sostnew illi sabiex l-Investment Committee ta' Ad Maiora tapprova l-investiment, Kappa Fund kellha tinvesti fil-proprjetà attwali, mingħajr piżijiet, li l-NPL kienet tirreferi għaliha;*

(iii) *Għalhekk, soluzzjoni alternattiva ġiet proposta fejn Kappa kienet ser tinvesti fil-proprjetà nnifisha, minflok fil-loans li jirreferu għall-proprjetà. Sabiex dan isir, però, kellhom jiġu identifikati investituri terzi li jkunu lesti li jakkwistaw l-NPL, jiksbu t-terminazzjoni tal-proċedimenti ta' stralċ u sussegwentement jikkonvertu l-loan f'ishma tal-kumpannija li hija s-sid tal-proprjetà de quo billi potenzjalment jilħqu ftehim dwar id-dejn in kwistjoni sabiex Kappa imbagħad issir is-sid ta' immobbli li ma tkunx mgħobbija b'loans, ipoteki u piżijiet oħra u li tappartjeni lill-kumpannija in bonis;*

(iv) *Naturalment, il-prezz tal-bini mingħajr tali piżijiet kien ħafna ogħla mill-prezz tal-NPL bir-riskji inerenti tiegħu;*

(v) *Għandu jiġi rilevat illi l-Kappa Fund kienet discretionary fund, b'dan illi ma kellha l-ebda obbligu li tinforma l-investituri bid-dettalji, il-kumplessitajiet*

*tat-tranżazzjonijiet li kienu jiġu esegwiti mill-manager. Mingħajr preġudizzju għal dan però, is-sezzjoni ntitolata 'Obiettivi di Portafoglio' kontenuta fil-presentation ippreparata minn Optimum Management għall-Investment Committee tirreferi kjarament għall-investiment fin-NPL segwit minn konverżjoni f'ishma li kienet ser tirriżulta fl-akkwist tal-bini mingħajr djun u piżijiet oħra. Għaldaqstant, dan kien il-pakkett li kien intiż biex jiġi ppreżentat u l-pakkett li eventwalment Kappa Fund wettqet b'suċċess għall-prezz preċiż li kien ġie kkwotat. Jidher mill-allegazzjonijiet li qed isiru mill-IOR illi huma taħt l-impressjoni illi proprjetà 'nadifa' seta' tinxtara għall-istess prezz ta' NPL bil-kundizzjonijiet ġia msemmija. Dan, kjarament u ovvjament, qatt ma kien remotament possibbli għaliex imur totalment kontra dawk li huma l-elementi differenti bejn NPL u proprjetà 'nadifa';*

(vi) *Huwa ċar mill-minuti rilevanti tal-Investment Committee illi kienet l-Investment Advisor ta' Ad Maiora, li ma kellha l-ebda relazzjoni mal-konvenut Stabile, imma li kienet magħżula mill-IOR stess, li pproponiet, fil-laqgħa tal-Investment Committee miżmuma fit-22 ta' Jannar, 2013, l-investiment fil-Kappa Fund u rratifikat fl-istess laqgħa tal-Investment Committee li saret fid-19 ta' Frar, 2013. Skont dawn il-minuti, l-istess Committee approva investiment fil-Kappa Fund ekwivalenti għal 'Eur 21 million plus future capital calls required to complete the development of the project.' Din l-approvazzjoni kienet sopportata mill-imsemmija presentation li fasslet Optimum Management, fejn huwa kjarament speċifikat illi l-investiment fil-Kappa Class B shares maħruġa mill-Kappa Fund (li kellha tissottoskrivi għalihom Ad Maiora) kien jimplika commitment ta' wieħed u erbgħin miljun Euro (€41,000,000) li kellhom jiġu drawn down kif ġej: (i) €21 miljun fl-2013; (ii) tmien miljun u ħames mitt elf Euro (€8,500,000) fis-sena 2014; (iii) miljun u ħames mitt elf Euro (€1,500,000) fis-sena 2015; u (iv) capital commitment ulterjuri ta' għaxar miljun Euro (€10,000,000) bħala buffer;*

(vii) *L-Investment Committee ta' Ad Maiora dak iż-żmien kien kompost mis-segwenti:*

- *Paolo Cipriani, Chairman tal-Investment Committee (Direttur Ġenerali tal-IOR);*
- *Massimo Tulli (Deputy Director General tal-IOR);*
- *Lucio Lamberti (head of Asset Management tal-IOR – Finance Department);*
- *Michele Calcaterra, Founding Partner, Chairman, CEO ta' ECPI Group;*

*Preżenti wkoll għal-laqgħat kien ikun hemm:*

- *Ignazio Basile – finance expert (Managing Partner tal-ECPI) bħala Segretarju;*
- *Paolo Tosi – (Head of Treasury tal-IOR – Finance Department) bħala parteċipant u membru mhux permanenti.*

  *La Stabile u lanqas rappreżentanti oħra tal-konvenuti l-oħra ma kienu preżenti għal dawn il-laqgħat, u wisq inqas iffurmaw parti minn tali Investment Committee.*

*Di più, u speċifikament fir-rigward tal-paragrafu (17), huwa għalhekk skorrett li jingħad illi l-konvenuti Matta u Stabile ikkommettew, għan-nom ta' Ad Maiora u 'ad insaputa tal-IOR', ruħhom għal investiment ta' wieħed u erbgħin miljun Euro (€41,000,000) fil-Kappa Fund, stante li l-IOR kienet kompletament konxja ta' dan u kienu attwalment rappreżentanti tal-IOR li approvaw l-investiment. Dan huwa kkonfermat mill-minuti tal-laqgħa tad-19 ta' Frar, 2013, u sostnut minn presentation fejn mhux biss l-ammont komplessiv ta' Kappa Class B shares ekwivalenti għal wieħed u erbgħin miljun Euro (€41,000,000) hu pprovdut, iżda skeda tad-drawdowns hija saħansitra stipulata kjarament kif spjegat qabel;*

8. *Illi fir-rigward tal-paragrafu (18) sa (20), il-konvenuta tinnota li l-ittra datata is-26 ta' Settembru, 2013 tikkostitwixxi rikonoxximent ċar tal-investment commitment pendenti tal-IOR fil-Kappa Fund, li jammonta għal erbgħa u għoxrin miljun Euro (€24,000,000). Din ġiet iffirmata mid-Direttur Ġenerali tal-IOR ta' dak iż-żmien, is-Sur Rolando Marranci, u d-Deputy General Director il-ġdid tal-IOR, is-Sur Lucio Lamberti (dan tal-aħħar, inċidentalment, ukoll membru tal-Ad Maiora Investment Committee fiż-żmien li sar l-investiment minn Ad Maiora f'Kappa), fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti tad-Direttorat tal-IOR, formalment inkarigati bit-treġija u bl-amministrazzjoni ordinarja u straordinarja tal-Istitut skont l-Artikou 24 tal-Bye-Laws applikabbli u huwa inkonċepibbli li wieħed jgħid illi meta dawn iffirmaw tali dikjarazzjoni huma kienu 'żbaljati';*

9. *Illi fir-rigward tal-paragrafu (21) li permezz tiegħu r-rikorrenti jilmentaw illi huma qed jassumu 'the entire equity risk of the Development Project', il-konvenut Stabile jirrileva illi kien ċar sa mill-bidu nett illi l-investituri tal-Kappa Class A shares (maħruġa mill-Kappa Fund) kellhom dritt li jibbenefikaw minn preferred dividend ta' 7% imma ma kinux ser jibbenefikaw*

*minn żidiet ulterjuri fil-valur tal-proġett de quo. Għall-kuntrarju, l-azzjonisti li kellhom Kappa Class B shares (IOR) ma kellhomx benefiċċju ta' dividend iżda kienu ser jibbenefikaw minn żidiet ulterjuri. F'dan ir-rigward, l-introjtu previst mill-Kappa Class B shares kien ta' 13.3% fis-sena meta kkumparat mal-introjtu previst fir-rigward tal-Kappa Class A shares ta' 7% fis-sena. Il-fatt li l-IOR kienet kompletament konsapevoli tad-diversi benefiċċji u r-riskji assoċjati maż-żewġ klassijiet ta' ishma joħroġ b'mod ċar mill-presentation li kienet annessa mal-minuti tal-Investment Committee tad-19 ta' Frar, 2013. F'dan ir-rigward, id-Direttorat tal-IOR iddeċieda b'mod indipendenti li jinvesti f'Kappa Class B shares tal-Kappa Fund mingħajr l-introjtu attrajenti li kien prospettat u li kien ser jiġi ġġenerat la jiġi kompletat il-proġett in kwistjoni u l-bini de quo jinbiegħ;*

10. *Illi fir-rigward tal-paragrafu (22), bir-rispett kollu jingħad illi dan huwa kumment qarrieqi, għaliex m'hemm xejn 'misterjuż' dwar il-fatt li l-investiment preżenti jeċċedi l-prezz tal-NPL. Is-sorsi kollha, u l-użu tal-fondi investiti f'Kappa kienu preċedentement ġew spjegati lir-rikorrenti u ser jiġu spjegati lil din l-Onorabbli Qorti matul dawn il-proċeduri;*

11. *Illi, fir-rigward tal-paragrafu (23), id-'drawdown notice' il-ġdid, maħruġ fit-13 ta' Novembru, 2013 għas-somma ta' erba' miljun Euro (€4,000,000), li jissostitwixxi dak preċedenti ta' għaxar miljun Euro (€10,000,000), ma jimplikax xi forma ta' rinunzja da parti tal-konvenuta Futura SICAV tad-drittijiet tagħha, iżda kienet maħruġa fuq assigurazzjoni mogħtija mill-uffiċjali tal-IOR, senjatament il-Head of Treasury Division, is-Sur Paolo Tosi, illi la darba tali drawdown notice tinħareġ din kienet ser tiġi onorata immedjatament u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet rigward il-bilanċi tal-investimenti. Madanakollu, ġara illi r-rikorrenti naqset milli tonora saħansitra dan l-obbligu li tinvesti erba' miljun Euro (€4,000,000) u wisq inqas ħallset il-bilanċi rimanenti;*

12. *Illi l-paragrafi (25) sa (29) qed jiġu kkontestati għas-segwenti raġunijiet:*

(i) *Ir-referenzi għall-artiklu li deher fil-ġurnal Il Sole 24 Ore kienu intiżi biss bħala attentat biex jiġu skreditati l-konvenuti. Fil-fatt, sussegwentement għall-preżentata, tant pubbliċizzata tal-kawża odjerna mir-rikorrenti, li saħansitra ġiet imħabbra fi press conference fil-Vatikan, Enasarco ħassitha obbligata li toħroġ stqarrija pubblika fejn iċċarat illi, kuntrarjament għal dak li kien ġie allegat mill-IOR, l-investiment f'Newton kien wieħed tajjeb u li tassew iġġenera profitt;*

(ii) *Futura SICAV u Futura Management ma kellhom l-ebda obbligazzjoni li jipprovdu xi informazzjoni lill-IOR, apparti n-NAV u l-Audited Financial Statements, li entrambi kienu jiġu suppliti minnha b'mod regolari. Madanakollu, kif ser jintwera, l-IOR kienet saħansitra tiġi supplita b'informazzjoni addizzjonali mill-konvenuti, anke jekk dawn ma kellhom l-ebda obbligu li jagħmlu dan;*

(iii) *Minkejja d-diversi allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti ta' xi nuqqas da parti tal-konvenuti, għandu jirriżulta b'mod evidenti, u ser jiġi ampjament ippruvat fil-perkors ta' dawn il-proċeduri, illi l-prezz ta' proprjetà immobbli mingħajr piżijiet (i.e. in bonis) huwa ħafna aktar ogħla mill-valur ta' NPL u li l-mark up da parti ta' Cougar Real Estate S.A. ("Cougar") kienet waħda raġonevoli li tirrispekkja l-prassi fl-industrija;*

(iv) *Ser jintwera wkoll illi, irrispettivament mill-profitti li setgħu ġew iġġenerati minn Cougar, il-prezz imħallas mill-Kappa kien dak li kjarament kien approvat mill-Investment Committee u kien, in ogni caso, prezz ġust għal proprjetà immobbli li l-valur tagħha huwa ogħla u qed jiżdied, kif konfermat minn diversi stejjem li saru matul is-snin u dan sakemm ma jispiċċax abbandunat, kif kien ir-riskju minħabba r-rifjut tal-IOR li jħallas il-capital calls;*

13 *Illi l-paragrafi (30) sa (33) huma kkontestati, fl-ewwel lok minħabba l-fatt li huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Offering Supplement, u fit-tieni lok għaliex, irrispettivament mis-sospensjoni, Kappa ma kellha l-ebda likwidità in vista tal-fatt illi l-unika ass li kien jappartjeni lilha kien proprju l-imsemmi immobbli, li ma setax jiġi żviluppat minħabba n-nuqqas tar-rikorrenti li jaqdu l-obbligazzjoniiet li kienu jinkombu fuqhom;*

14 *Illi l-paragrafi (34) sa (38) huma wkoll ikkontestati għaliex, kif ser jintwera 'l quddiem, it-tranżazzjonijiet li r-rikorrenti qed jittentaw jitfgħu dubbji serji fuqhom kienu fil-fatt tranżazzjonijiet li saru in bona fede u li kienu meħtieġa sabiex Kappa takkwista l-proprjetà f'Budapest mingħajr piżijiet, skont id-deċiżjonijiet meħuda mill-Investment Committee tal-Ad Maiora u l-konsulenti tar-rikorrenti stess. Dan se jiġi spjegat aħjar u ppruvat tul dawn il-proċeduri, iżda f'dan l-istadju qiegħda ssir referenza għar-risposta li ġiet sottomessa lill-MFSA kif fuq spjegat;*

15 *Illi fir-rigward tal-paragrafi (40) sa (43) l-involviment tal-konvenut Stabile fl-entitajiet liċenzjati huma pubbliċi u jirriżultaw b'mod ċar mill-Offering*

*Documents tal-istess. Di più, il-kompożizzjoni tal-bordijiet u l-istrutturi ta' shareholding tal-imsemmija kumpanniji huma kollha legali u approvati mill-awtoritajiet relattivi. B'żieda ma' dan, is-sub-funds fi ħdan Futura SICAV u/jew Optimum SIF mhumiex retail funds li jinbiegħu lil persuni kwalunkwe u ma jinvestux f'retail funds. L-Investitur f'dan il-każ, IOR hu Professional Investor li de facto jopera fi swieq finanzjarji b'assi ta' 'l fuq minn 6.3 biljun Euro u għalhekk jikkwalifika ai termini tal-kriterji stabbiliti taħt il-liġi. Għalhekk, ċertament li sar xi tip ta' due diligence ad hoc da parti tal-investitur (IOR) professjonali u mgħarraf f'dan il-qasam qabel ma għamel l-investimenti tiegħu. L-involviment tal-konvenut Alberto Matta fl-entitajiet sopra-ċitati kienet xi ħaġa li IOR (inkluż id-Direttorat) kien ikun konxju tagħha qabel ma jiddeċiedi jagħmilx l-investiment tiegħu jew le u ċertament ma kellux ikun element ta' preokkupazzjoni, imma pjuttost, wieħed ta' serħan il-moħħ fid-dawl tal-kapaċitajiet professjonali ta' dan l-individwu. Aktar importanti minn hekk, l-Investment Committee kien kjarament favur u approva li jsir investiment fil-Kappa Fund li kienet oppurtunità interessanti fid-dawl taż-żieda mistennija fil-valur tal-Budapest Exchange Palace u l-profitt mistenni mill-bejgħ tal-proprjetà;*

16 *Illi l-paragrafi (41) sa (43) huma kkontestati għaliex meta l-konvenut Girolamo Stabile u l-konvenut l-ieħor Alberto Matta iffirmaw is-subscription form fejn ikkommettew għal investiment ta' wieħed u erbgħin miljun Euro (€41,000,000) fil-Kappa Fund u għall-ħlas lil Kappa Fund fl-ammont ta' sbatax-il miljun Euro (€17,000,000), huma kienu qed jaġixxu bl-awtorizzazzjoni, u abbażi ta' rikjesti espressi tal-Investment Committee ta' Ad Maiora, kif ġie spjegat qabel. Barra minn hekk m'hemm xejn suspettuż fil-fatt li fund kien rappreżentat fuq bord ta' Special Purpose Vehicles (SPVs) li huma proprjetà tal-Fund. Fil-fatt, ir-regolamenti tal-MFSA jispeċifikaw illi meta tintuża SPV, il-fund għandu jirritjeni, tramite d-diretturi tiegħu, il-maġġoranza tad-direttorat ta' kwalsiasi SPV, u l-SPV trid tkun ikkontrollata, jew proprjetà ta' majority shareholding tal-voting shares, sia direttament jew indirettament, mill-fund;*

17 *Illi mhux talli IOR ma kinitx 'caught in a clandestine web of intrigue and shady transactions at its expense', imma l-IOR innifisha, kif diretta mill-konsulenti tagħha u bil-barka tal-Investment Committee tal-Ad Maiora, għamlet dak li seta' kien investiment sod u li jagħmel il-qligħ li kieku mhux għall-fatt li l-IOR stess naqset fl-adempiment tal-obbligazzjonijiet tagħha. Jidher illi huma l-konvenuti, li sfortunatament u involontarjament spiċċaw*

*sofrew a kawża tal-fatt li nqabdu bejn żewġ fazzjonijiet fi ħdan l-IOR u bejn il-management preżenti u dawk preċedenti tal-IOR;*

18 *Illi fir-rigward tal-paragrafu (44), il-konvenut isostni illi huwa konsistentement aġixxa korrettement u skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;*

19 *Niddikjara illi jien irriżenjajt minn Optimum Asset Management u kull pożizzjoni relatata f'Settembru 2014. L-ittra ta' riżenja tiegħi kellha d-data tat-18 ta' Settembru, 2014. Irriżenjajt ukoll minn Cougar b'effett mit-30 ta' Settembru, 2014.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposti Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat **Istituto per le Opere di Religione (IOR)** għall-Kontrotalba mressqa mis-soċjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti **Futura Funds SICAV plc** u **Futura Investment Management Limited**, li ġew ippreżentati fit-22 ta' Novembru, 2017 u maħlufa minn Dr André Zerafa (ID 578574M) kif debitament awtorizzat fil-kapaċità tiegħu ta' mandatarju speċjali.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat **Istituto per le Opere di Religione (IOR)** għall-Kontrotalba mressqa mis-soċjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti **Optimum Evolution Fund SIF** u **Optimum Asset Management (Luxembourg) S.A.**, li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2017 u maħlufa minn Dr Louis Cassar Pullicino (ID numru 441061M) kif debitament awtorizzat fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali li assuma l-atti minflok l-avukat Dr André Zerafa.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat **Istituto per le Opere di Religione ('IOR')** għall-Kontrotalba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonanti **Alberto Matta** detentur tal-Passaport Taljan bin-numru YA5332967 kif rappreżentat f'dawn il-proċeduri minn Futura Investment Limited (C 53181) illi hija nnfisha hija rappreżentanta minn Dr Francis Chetcuti Dimech (ID236269M), imressqa fit-8 ta' Jannar, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2018 fejn il-Qorti dderiġiet lill-partijiet biex qabel kull ħaġa jittrattataw l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Girolamo Stabile dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fil-konfront tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-konvenut Girolamo Stabile.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Girolamo Stabile.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza *in parte* dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Girolamo Stabile.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tillimita ruħha għal dak li jirrigwarda biss l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Girolamo Stabile, l-uniku wieħed mill-konvenuti li eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tisma' l-kawża odjerna. Il-konvenut Girolamo Stabile huwa ċittadin Taljan li kien jopera permezz ta' diversi kumpanniji reġistrati fil-Lussemburgu. Il-konvenut Stabile jeċċepixxi li peress li l-parti tat-tranżazzjoni li kien involut fiha hu, kienet tittratta t-trasferiment ta' flus barra minn Malta, u preċiżament bejn il-Lussemburgu u l-Ungerija, din il-kawża ma kellhiex tinġieb quddiem il-Qrati Maltin, 'il għaliex skont il-konvenut Stabile, huwa nieqes għalkollox kwalunkwe ness ġuridiku tiegħu ma' Malta, u dan minħabba li l-kawża ġiet istitwita kontra persuna fiżika Taljana, dwar l-operat tagħha fi ħdan il-qafas regolatorju tal-Lussemburgu, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li seħħew bejn il-Lussemburgu u l-Ungerija, u aktar minn hekk, il-kawża nfetħet minn entità ta' Stat li hu Stat *sui generis*, li lanqas mhuwa membru tal-Unjoni Europea.

**Provi u riżultanzi**

Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut Girolamo Stabile[1] qal li huwa twieled ġewwa Mazara del Vallo, fi Sqallija u qatta' perijodu ta' żmien jgħix l-Ingilterra. Stabile qal li huwa jqis lilu nnifsu bħala li huwa domiċiljat ġewwa l-Italja, u tul ħajtu huwa qatt ma għex jew kellu l-intenzjoni li jirrisjedi f'Malta. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu xi konnessjoni diretta ma' Malta. Spjega li hu kien membru fuq il-bord tad-diretturi tas-soċjetà konvenuta Optimum Evolution Fund SIF, liema fond hu rreġistrat taħt il-liġi tal-Lussemburgu, u għandu personalità ġuridika

[1] *A fol.* 1077 tal-proċess.

distinta taħt il-liġi tal-istess pajjiż. Kompla jispjega li l-Istituto per le Opere Religiose hu entità mwaqqfa fl-Istat tal-Vatikan, u hu regolat mil-liġi kanonika. L-investimenti magħmula mill-IOR kienu regolati minn Ad Maiora, fond imwaqqaf skont il-liġi tal-Lussemburgu, liema fond kellu kumitat tal-investimenti li kien jiltaqa' f'pajjiżi barra minn Malta, u kien jagħti direzzjonijiet lil Optimum Evolution Fund dwar l-investimenti li kellhom isiru. Il-konvenut Girolamo Stabile spjega kif it-tranżazzjonijiet inkwistjoni ġew approvati fil-Lussemburgu, u li għalhekk dan l-aspett tat-tranżazzjonijiet huwa regolat mil-liġi ta' dak il-pajjiż, u konsegwentement dawn it-tranżazzjonijiet ma għandhom l-ebda konnessjoni ma' Malta. Spjega wkoll kif l-investiment inkwistjoni mmaterjalizza f'Budapest, l-Ungerija, u għalhekk it-tranżazzjonijiet inkwistjoni la seħħew fuq territorju Malti, u lanqas ma saru għal klijent Malti. Il-konvenut ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li l-qafas regolatorju li minnu jopera l-fond li assoċjat miegħu hu , huwa dak tal-Lussemburgu.[2]

Fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-konvenut Stabile[3], li qal li hu kien ilu jaħdem bħala professjonist fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għal aktar minn għoxrin sena, u li għalhekk huwa għandu l-kapaċità professjonali li jgħid taħt il-ġurisdizzjoni ta' liema Qorti jaqgħu t-tranżazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-konvenut Stabile spjega li l-flejjes li nħarġu mil-Lussemburgu ġew investiti fil-Kappa Fund, li hu fond Malti, għalkemm qal li huwa ma kienx strumentali biex setgħet seħħet din il-parti tat-tranżazzjoni f'Malta. Qal li hu kien strumentali biex isir l-investiment mil-Lussemburgu f'fondi oħra, minħabba li l-flejjes tal-attur kienu miżmuma fil-

---

[2] Il-konvenut Girolamo Stabile esebixxa għadd ta' dokumenti in sostenn ta' dak li qal fl-*affidavit* tiegħu, fosthom il-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, kopja tal-passaport, kopja ta' ftehim tal-kera li hu kellu għall-kiri ta' fond fl-Ingilterra, kopja taċ-ċertifikat li hu membru tal-Bord tal-Optimum Asset Management tal-Lussemburgu, u kopja taċ-ċertifikat tal-Inkorporazzjoni tal-Fond.

[3] *A fol.* 1104 tal-proċess.

Lussemburgu. Madanakollu Stabile kkonferma li l-Kappa Fund huwa fond Malti.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti qiegħda tintalab tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenut Girolamo Stabile dwar in-nuqqas ta' kompetenza u ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-konfront tiegħu, u dan minħabba li l-konvenut Girolamo Stabile huwa ċittadin Taljan, li kien jaħdem bħala uffiċjal fi ħdan is-soċjetajiet konvenuti Optimum u Cougar Real Estate, li huma kumpanniji rreġistrati fil-Lussemburgu. Il-konvenut Girolamo Stabile eċċepixxa wkoll li t-tranżazzjonijiet li l-attur qiegħed jilmenta minnhom ġew innegozjati f'pajjiżi barranin u t-trasferimenti tal-flejjes li pparteċipa fihom Stabile seħħew bejn il-Lussemburgu u l-Ungerija. Il-konvenut Stabile jargumenta li hu persuna domiċiljata ġewwa l-Italja, iżda li jaħdem ma' kumpanniji rreġistrati fil-Lussemburgu, liema kumpanniji huma regolati mill-qafas regolatorju tal-Lussemburgu, u li għalhekk l-azzjoni odjerna istitwita mill-attur, li huwa entità ta' Stat *sui generis* u mhux Stat Membru tal-Unjoni Europea, ma kellha qatt titressaq quddiem il-Qrati Maltin, almenu fil-konfront tiegħu. L-attur ressaq l-azzjoni odjerna għax jallega li kien hemm qerq u ingann da parti tal-konvenuti, u li Stabile wkoll, bħala konvenut, kien involut f'din in-nisġa qarrieqa li kkawżat danni lill-attur, u dan bi ksur tal-obbligi fiduċjarji li hu u l-konvenuti l-oħrajn kellhom fir-rigward tal-attur taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

Il-Qorti kkonsidrat in-natura tat-talbiet ippreżentati mill-attur IOR, b'diversi minnhom qegħdin isiru fil-konfront tal-konvenuti kollha, jew fir-rigward ta'

min minnhom jista' jinstab responsabbli li kiser xi wieħed mill-obbligi fiduċjarji li kienu marbutin bihom fir-relazzjoni li żviluppat mal-attur. Il-Qorti għandha quddiemha sitt konvenuti, u minn dak li ġie stabbilit sa issa jirriżulta li Futura Funds u Futura Management huma żewġ entitajiet irreġistrati hawn Malta, filwaqt li żewġ konvenuti oħra, Optimum Evolution u Optimum Asset Management huma rreġistrati fil-Lussemburgu, li iżda, ma eċċepewx in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, u għall-kuntrarju ssottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati billi ressqu għadd ta' kontrotalbiet f'din il-kawża. Min-naħa tiegħu l-konvenut Alberto Matta, li huwa wkoll ċittadin Taljan, anki hu ma eċċepiex in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fir-rigward tal-mertu odjern. Is-sitt konvenut, Girolamo Stabile, b'differenza mill-konvenuti l-oħra, qiegħed iqajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti kkonsidrat li wieħed mill-prinċipji l-aktar bażilari tad-dritt internazzjonali privat huwa li l-attur jista' jressaq kwalunkwe azzjoni tiegħu fil-Qrati tal-Istat fejn hu domiċiljat il-konvenut. Fl-azzjoni odjerna din il-Qorti għandha quddiemha għadd ta' konvenuti li lkoll kemm huma għandhom xi konnessjoni ma' xi pajjiżi jew ieħor tal-Unjoni Europea, għalkemm jirriżulta b'mod ċar li almenu tnejn mill-konvenuti huma reġistrati u domiċiljati f'Malta. Il-Qorti tirrikonoxxi wkoll li l-entità li qiegħda tipproponi din l-azzjoni hi entità li tappartjeni għal Stat *sui generis* li mhux firmatarju ta' xi waħda mill-konvenzjonijiet li jirregolaw kwistjonijiet transkonfinali, u dan minkejja li d-difensuri tal-partijiet li ttrattaw l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenut Stabile, għamlu riferiment ampju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Parlament Europew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012, 1215/2012 *'on jurisdiction and the enforcement of judgments in civil and commercial*

*matters'.* Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regola ġenerali illi persuni domiċiljati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mħarrka quddiem il-Qrati ta' dak l-Istat Membru fejn huma domiċiljati, għalkemm l-istess Regolament jipprovdi għal għadd ta' eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali (Artikolu 7 ta' dan l-istess Regolament). Is-sitwazzjoni tal-konvenut Stabile, ċittadin Taljan li għandu konnessjonijiet ma' għadd ta' pajjiżi, uħud minnhom Stati Membri tal-Unjoni Europea, titlob kjarifika dwar jekk il-Qrati Maltin għandux ikollhom ġurisdizzjoni f'kawża bħal din, fejn Stabile huwa wieħed minn diversi konvenuti, u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 8 tal-istess Regolament:

*"A person domiciled in a Member State may also be sued:*

*(i) Where he is one of a number of defendants, in the courts for the place where any one of them is domiciled, provided the claims are so closely connected that it is expedient to hear and determine them together to avoid the risk of irreconcilable judgments resulting from separate proceedings."*

Madanakollu, wara li kkonsidrat il-provi li tressqu sa dan l-istadju quddiemha, il-Qorti hija tal-fehma, li ladarba jirriżulta li almenu tnejn minn sitt konvenuti huma entitajiet irreġistrati f'Malta skont il-liġi ta' dan il-pajjiż, u ladarba hemm ness ċar bejn il-kawżali dedotti fil-konfront tal-konvenuti kollha, li hu l-ksur tal-obbligi fiduċjarji da parti tal-konvenuti kemm jekk aġixxew *in solidum* jew b'mod separat, xi ħaġa din, li għad trid tiġi deċiża fil-mertu, u dan a skapitu tad-drittijiet tal-attur, jirriżulta sodisfatt l-element ta' konnessjoni mill-qrib bejn il-kawżali promossi mill-attur fil-konfront ta' kull wieħed mill-konvenuti. It-talbiet tal-attur IOR huma ċari, u huma univoċi, b'mod li huma mmirati kontra s-sitt konvenuti mingħajr ebda distinzjoni għal dik li hija kawżali fil-

konfront ta' kull wieħed minnhom. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li jkun aktar għaqli u spedjenti li t-talbiet miġjuba mill-attur kontra l-konvenuti f'din il-kawża jinstemgħu mill-istess Qorti f'kawża waħda, u li dawn it-talbiet li jiffurmaw mertu wieħed u li tresqu fil-konfront tal-konvenuti kollha flimkien, ma jiġux deċiżi minn Qrati ta' Stati Membri differenti, iżda l-mertu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qrati ta' Stat Membru wieħed, u dan anki sabiex jiġi eliminat għalkollox ir-riskju li jkun hemm għadd ta' deċiżjonijiet separati u potenzjalment irrikonċiljabbli jew konfliġġenti. Jekk it-talbiet kontra kull wieħed mill-konvenuti jkunu sostanzjalment l-istess fil-fatt u fid-dritt, bħal pereżempju fejn il-konvenuti jkunu debituri solidament bejniethom jew ikunu responsabbli għad-danni *in solidum*, jinħoloq riskju ovvju ta' sentenzi irrikonċiljabbli u b'hekk jista' japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament 1215/2012. Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun ta' siwi jekk tagħmel riferiment għal *Cheshire and North's Private International Law*[4]:

> *"Accordingly, the Court of Justice has held that there must exist between the various actions brought by the same claimant against the different defendants a connection of such a kind that it is expedient to hear them together to avoid irreconcilable judgments (189/87 Kalfelis vs Schrooder). Judgments may be irreconcilable because they involve contradictory findings of fact, or contradictory legal conclusions drawn from those facts (Gascoigne vs Pyrah (1994), MacDonald v Federation International de Football Assocation (1999), or contradictory remedies (Société Commerciale de Reassurance vs Eras (1995). If the claims against the various defendants are substantially the same in law and in fact, such as where the defendants are joint debtors or joint tortfeasors, there is an obvious risk of irreconcilable judgments. Even where the claims are largely based on different facts, there can be a risk of an inconsistent finding of fact in relation to a particular central matter."*

[4] JJ Fawcett, PM North, Butterworths, p. 224.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li anki l-fatt li talbiet imressqa fil-konfront ta' diversi konvenuti saħansitra jkollhom bażi legali differenti ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tar-regoli Brussels I Recast. Eżempju ta' dan huwa fejn it-talba kontra wieħed mill-konvenuti tkun ibbażata fuq ksur ta' obbligi kuntrattwali u t-talba kontra l-konvenut l-ieħor tkun ibbażata fuq responsabilità *ex-delicto*.[5]

Il-Qorti tqis li l-bażi legali tal-kawża odjerna huwa l-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), u għalhekk huma l-Qrati Maltin li l-aktar li jistgħu jwettqu ġudizzju spedjenti fir-rigward ta' jekk kienx hemm ksur o meno tal-obbligi fiduċjarji tal-konvenuti kif regolati minn dan l-Artikolu tal-Liġi Maltija. Għall-Qorti huwa ċar li anki fir-rigward ta' interpretazzjoni tal-liġi applikabbli, jagħmel ferm aktar sens li l-mertu jinstema' quddiem il-Qrati tal-Istat fejn tapplika din il-liġi.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Girolamo Stabile fejn eċċepixxa n-nuqqas ta' kompetenza u ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tisma' l-mertu tal-kawża promossa mill-attur;**

[5] Każ C-98/06 Freeport plc vs. Olle Arnoldsson [2007] ECR I-8319, p. 47.

2. **Tordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża bil-provi tal-attur dwar il-mertu.**

**Spejjeż marbuta ma' din l-eċċezzjoni a karigu tal-konvenut Girolamo Stabile.**

Moqrija.